# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi



IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278



**Nru. 429** **SETTEMBRU 2012**


## FORMAZZJONI TAL-KATEKISTI TAL-PROGRAMM "GODLY PLAY"

Bejn it-12 u t-18 ta' Settembru (minbarra s-Sibt u l-ħadd) se jsir kors ta' formazzjoni għall-katekisti l-ġodda tal-programm "Godly Play".

Għall-katekisti kollha li jmexxu l-programm tal-"Godly Play", se jsir *in-service course* ta' jumejn, fid-19 u fl-20 ta' Settembru. Se jiġu ttrattati l-psikoloġija tat-tfal u l-metodu wżat fil-"Godly Play". Għal dan l-*in-service*, jistgħu jipparteċipaw ukoll il-katekisti l-oħra li jgħallmu l-ewwel u t-tieni sena tal-katekeżi għall-Ewwel Tqarbina.

---

Kummissjoni Familja – Djoċesi t'Għawdex

### SEMINAR GĦAL DAWK LI JAĦDMU FIL-PASTORALI TAL-FAMILJA

Il-bonum prolis- l-ulied, ġid taż-żwieġ

Ferlilità, infertiklità, ivf....Mezzi naturali u artifiċjali

Mistiedna: * ANIMATURI TAL-MIXJA TAL-GĦARAJJES * ANIMATURI TAL-MIXJA FAMILJI FLIMKIEN

- MEMBRI KUMMISSJONI PARROKKJALI FAMILJA * KAPPILLANI U SAĊERDOTI RESPONSABBLI

Kelliema: Dr. Margaret Spiteri

Nhar: Il-Ġimgħa 21 ta' Settembru 2012. Ħin: 5.00p.m. – 8.00p.m.

Post: Ċentru ta' Kana – Victoria, Għawdex.

---

## Assemblea Djoċesana għall-operaturi pastorali
### Il-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2012 (Oratorju Don Bosco – 6.30pm)

Huma mistiedna l-lajċi kollha membri ta' Kummissjonijiet Djoċesani, tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali, u ta' kumitati oħra parrokkjali, il-lajċi li jaqdu xi ministeru, u l-membri tal-Għaqdiet u l-Movimenti ekkleżjali. Waqt l-assemblea jingħata rapport tal-ħidma pastorali tas-sena li għaddiet u jiġu indikati l-ħidmiet għas-**Sena tal-Fidi**. Ikun preżenti Mons Isqof.

---

## FTUĦ TAS-SENA SOĊJALI 20012-2013 TAL-AZZJONI KATTOLIKA F'GĦAWDEX

**Is-Sibt, 29 ta' Settembru 2012** ser jsir il-Ftuħ tas-Sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex fuq bażi djoċesana 2012 -2013 fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, Victoria. Il-funzjoni tibda fil-5.00p.m b'diskors mill-President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika, is-Sur Antoine Vassallo u fil-5.15pm Dokumentarju fuq fuq Santa Ġianna Beretta Molla quddiesa konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex flimkien mall-Assistenti Ekkleżjastiċi kollha tal-A. K. Il-membri tal-Azzjoni Kattolika kollha huma mitluba jattendu.

# Kalendarju Pastorali
# Settembru 2012 - Numru 429

| | |
|---|---|
| 1.Sibt | L-Ewwel Sibt tax-xahar.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Knisja Ta' Savina – Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **2.Ħadd** | It-22 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena B.<br>Festa tal-Madonna tal-Karmnu (Knisja tax-Xlendi). |
| 3.Tnejn | San Girgor il-Kbir, Papa u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O). |
| 5.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani (Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb – 8.30am). |
| 6.Ħamis | Laqgħa Grupp ta' Talb Dun Mikiel Attard (Knisja ta' Ħamet- 7.30pm / Quddiesa fis-7.00pm). |
| 7.Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Tifkira tal-Bidu tal-Leġjun ta' Marija (7 ta' Settembru 1921). |
| 8.Sibt | It-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija – Festa. Festa ta' Marija Bambina – Parroċċa Xagħra.<br>Jum il-Vitorja – Festa Nazzjonali.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria – Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **9.Ħadd** | It-23 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena B.<br>**Irtir għas-saċerdoti** f'Manresa mid-9-14 ta' Settembru. |
| 12.Erbgħa | L-Isem ta' Marija. Tifkira. Tibda Ġimgħa ta' Formazzjoni għall-katekisti ġodda tal-programm *Godly Play* – mit-12 sat-18 ta' Settembru, minbarra s-Sibt u l-Ħadd). |
| 13.Ħamis | San Ġwann Kriżostmu, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Il-5 dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja ta' Ħamet. Fil-5.30pm adorazzjoni solenni u fis-6.30pm quddiesa u wara pellegrinaġġ ta' talb . |
| 14.Ġimgħa | Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. |
| 15.Sibt | L-Imqaddsa Verġni Marija tad-Duluri. Tifkira (O).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. Fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu Ta' Ħamet (8.30pm). |
| **16.Ħadd** | l-24 Ħadd tas-sena. Messalin Sena B.<br>It-148 Anniversarju tat-**Twaqqif tad-Djoċesi** ta' Għawdex. Festa.<br>Festa tal-Madonna tal-Grazzja (Knisja tal-Kapuċċini, Victoria). |
| 17.Tnejn | San Roberto Bellarmino, Isqof u duttur tal-Knisja. Tifkira. |
| 19.Erbgħa | San Ġennaru, Isqof u Martri. Tifkira |
| 20.Ħamis | San Andrea Kim Taegon, Presbiteru, u Sħabu, Martri. Tifkira (O) |
| 21.Ġimgħa | San Mattew apostlu u evanġelista. Festa.<br>Jum l-Indipendenza (Festa Nazzjonali).<br>Mixja bil-lejl għaż-żgħażagħ (KDŻ). |
| 22.Sibt | **Assemblea għas-Saċerdoti – Programm tas-Sena Pastorali (Seminarju - 9.00am).**<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati (Parroċċa ta' Kercem – 7.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Knisja ta' San Franġisk, Victoria – Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **23.Ħadd** | Il-25 Ħadd tas-Sena. Messalin sena B. |
| 24.Tnejn | Kunsill Pastorali (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb – 8.00pm) |
| 26.Erbgħa | San Kosma u San Damjan, Martri. Tifkira. |
| 27.Ħamis | San Vinċenz de Paul, Presbiteru. Tifkira (O). |
| 28.Ġimgħa | **Assemblea Djoċesana għall-operaturi pastorali (Oratorju Don Bosco - 6.30pm).** |
| 29.Sibt | L-Arkanġli Mqaddsa, Mikiel, Gabrijel u Rafel. Festa.<br>Ordinazzjoni Episcopali ta'Patri Joe Alessandro ofmcap. -Malta<br>Ftuħ tas-sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika Dar Ċentrali Victoria mill-5.00p.m. sas-7.00p.m,<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Knisja ta' Sant'Anton, Xagħra – Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **30.Ħadd** | Is-26 Ħadd tas-Sena. Messalin sena B./Quddiesa mill-Isqof Patri Joe Alessandro ofmcap.<br>Fil-Katidral ta' Għawdex fil-10.00a.m. Is-saċerdoti mistiedan jikkonċelebraw. |

**INĦEĠĠU LIL KULĦADD SABIEX JATTENDI GĦAL-LAQGĦAT TA' FORMAZZJONI.**

**"IT-TAGĦLIM HUWA L-GĦAJN TA' KULL ĠID" (San Ġorġ Preca)**